MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tad-29 ta' Marzu, 2011

Numru 932/2008

**Il-Pulizija**
**(Spettur Jesmond Borg)**

**Vs.**

**RAYMOND CASSAR**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Raymond Cassar ta' 35 sena, bin Francis u Mary nee' Pace, imwieled il-Pieta' fis-7 ta' Novembru, 1972 u joqghod fil-fond: Nru. 10, 'Il-Bejta', Triq Karmnu Abela, il-Hamrun u detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru: 0492272 (M)

A) Billi huwa akkuzat talli, filwaqt li kien hdejn il-fond: Flt. Nru. 2, 'Eclairage', li jinsab fi Triq il-Hamrija gewwa Wied il-Ghajn, nhar is-17 ta' April, 2008, volontarjament

ikkawza hsara volontarja fuq il-bieb ta’ barra ta’ l-imsemmija propjeta’, liema danni jammontaw ghal 268 euro, ghad-dannu ta’ Michelle Cassar minn Wied il-Ghajn u persuni ohra.

B) Akkuzat ukoll talli, fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, xejntement, hassar, ghamel hsara, jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, cioe’ Decoder digitali tal-‘cable’ televixen, ghad-dannu ta’ Michelle Cassar minn Wied il-Ghajn u persuni ohra, liema hsara tammonta ghal 65.23 euro.

C) W aktar talli, fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, xejntement, hassar, ghamel hsara, jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, cioe’ modem digitali tal-kompjuter, mudell 546, ghad-dannu ta’ Michelle Cassar minn Wied il-Ghajn u persuni ohra, liema hsara tammonta ghal 46.59 euro.

D) Akkuzat ukoll talli, fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, xjentement, hassar, ghamel hsara, jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, cioe’ dehumidifier, ghamla u mudell mhux maghrufa, ghad-dannu ta’ Michelle Cassar minn Wied il-Ghajn u persuni ohra, liema hsara tammonta ghal aktar min 23.29 euro izda anqas minn 116.47.

E) W aktar talli, fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, bla hsieb li jisraq jew li jaghmel hsara kontra l-Ligi, izda biss biex jezercita’ jedd li jippretendi li ghandu, bl-awtorita’ tieghu innifsu, fixkel lil haddiehor fil-pussess ta’ hwejjgu.

Il-Qorti giet mitluba sabiex tapplika l-artiklu 383 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-Ligi, tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x’jaqsmu mall-hatra ta’ l-esperti skond l-art. 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Semghet provi.

Ratt l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-Kunsens ta' l-Avukat Generali esebit bhala Dok. JB3 u nnutat li l-imputat Raymond Cassar m'ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li fl-ezami tieghu l-imputat wiegeb li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat wiegeb li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficcjal Prosekutur, inkwantu ghat-talba tal-Prosekuzzjoni maghmula fit-Tahrika a tenur tal-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, iddikjara li f'din il-kawza ma gew inkorsi spejjez a tenur tal-imsemmi artikolu u konsegwentement talab li l-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-imsemmija talba maghmula a tenur tal-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Innutat ukoll li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li l-imputat ikkopera mal-Pulizija.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikoli 17, 325(1)(b), 325(1)(c) u 85 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputat Raymond Cassar, fuq ammissjoni, hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluza l-fedina penali tal-imputat, il-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-proceduri u li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficcjal Prosekutur iddikjara li l-imputat ikkopera mal-Pulizija, tillibera lill-imputat Raymond Cassar taht il-Provediment tal-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlett (3) snin millum.

Rigward it-talba tal-Prosekuzzjoni maghmula fit-Tahrika a tenur tal-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, fid-dawl ta’ dak dikjarat u mitlub fil-Verbal tas-Seudta tallum mill-Ufficjal Prosekutur kif riportat aktar qabel f’din is-Sentenza, il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri rigward l-imsemmija talba maghmula a tenur tal-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputat Raymond Cassar l-ispjegazzjoni preskritta fis-sub-artikolu 22(3) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------